27 ta' Ġunju 2018
65/2018

**STQARRIJA TAL-ISQFIJIET**

Aħna l-Isqfijiet segwejna l-ħidma diplomatika li wettaq b'suċċess il-Gvern Malti fil-jiem li għaddew biex tinstab soluzzjoni għall-234 immigrant li jinsabu fuq il-vapur Lifeline.

Napprezzaw id-deċiżjoni tal-Gvern li jagħti permess lil dan il-vapur biex jidħol f'Malta. Nifhmu li din ma kinitx ħidma ħafifa imma kien essenzjali li jsir dak kollu meħtieġ biex niggarantixxu li kull ħajja tiġi salvata. Minkejja ċ-ċokon tagħna għal darba oħra pajjiżna għamel ġest kbir li nittamaw li pajjiżi wisq akbar minna jimitaw.

Nesprimu l-gratitudni tagħna lejn dawk kollha li qed jieħdu sehem f'din l-operazzjoni umana, partikolarment il-membri tal-Forzi Armati Maltin.

✠ **Charles J. Scicluna**
Arċisqof ta' Malta

✠ **Mario Grech**
Isqof ta' Għawdex

✠ **Joseph Galea-Curmi**
Isqof Awżiljari-elett ta' Malta

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**